MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 34/2014/1

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u b'Digriet ta' l-24 ta' April 2014 intervjeniet fil-kawza *in statu et terminis* is-socjetà Melita Mobile Limited u b'Digriet tat-8 ta' Mejju 2014 intervjeniet fil-kawza *in statu et terminis* is-socjetà Mobisle Communications Limited**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Vodafone Malta Limited fit-2 ta' April 2014 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal filwaqt li jisma' ir-Rikors in kwistjoni bl-urgenza, jissosspendi d-decizjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni intitolata *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile Interconnection Pricing Response to Consultation and Decision* mahruga fit-13 ta' Marzu 2014 pendenti l-ezitu ta' l-appell minnha interpost mill-imsemmija decizjoni;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni permezz ta' liema topponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti stante li r-ragunijiet fuq liema tibbaza it-talba taghha ghas-sospensjoni tad-decizjoni intitolata *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile*

*Interconnection Pricing Response to Consultation and Decision* huma infondati;

Ra r-Rikors tas-socjetà Melita Mobile Limited ipprezentat fit-22 ta' April 2014 permezz ta' liema titlob li tigi awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis inter alia* fil-proceduri ghas-sospensjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni intitolata *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile Interconnection Pricing Response to Consultation and Decision* pendenti l-ezitu ta' l-appell tas-socjetà Vodafone Malta Limited minn tali decizjoni u dana peress illi d-decizjoni appellata tolqot lilha wkoll *qua* operatur tat-telefonija tal-mobile f'Malta u ghalhekk kwalunkwe decizjoni li tittiehed dwar dik id-decizjoni teffettwa lilha wkoll;

Ra li t-talba tas-socjetà Melita Mobile Limited giet milqugha b'Digriet moghti fl-24 ta' April 2014;

Ra r-Risposta tas-socjetà Melita Mobile Limited ghar-Rikors promotur permezz ta' liema topponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti ghas-sospensjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni intitolata *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile Interconnection Pricing Response to Consultation and Decision* stante li r-ragunijiet fuq liema hija bbazata tali talba huma bazati fuq nofs informazzjoni u fi kwalunkwe kaz huma fallaci;

Ra d-dokument esebit mis-socjetà Melita Mobile Limited permezz ta' Nota ipprezentata fil-25 ta' April 2014 markat Dok. "MM1";

Ra r-Rikors tas-socjetà Mobisle Communications Limited ipprezentat fis-7 ta' Mejju 2014 permezz ta' liema titlob li tigi awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis inter alia* fil-proceduri ghas-sospensjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata intitolata *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile Interconnection Pricing Response to Consultation and Decision* stante li dik id-decizjoni tolqot lilha *qua* operatur u ghalhekk kwalunkwe decizjoni ta' dan it-Tribunal dwar dik id-decizjoni teffettwa lilha wkoll;

Ra li t-talba tas-socjetà Mobisle Communications Limited giet milqugha b'Digriet moghti fit-8 ta' Mejju 2014;

Sema' u kkonsidra x-xhieda moghtija minn Jason Pavia waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2014 u ra u kkonsidra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JP1" a fol. 75 tal-process u Dok. "JP2" a fol. 76 tal-process;

Sema' u kkonsidra t-trattazzjoni orali da parte tas-socjetà Rikorrenti, ta' l-Awtorità intimata u taz-zewg socjetajiet intervenuti fil-kawza *in statu et terminis*;

Ra l-Artikolu 42 tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-procedura odjerna s-socjetà Vodafone Malta Limited qed tuzufruwixxi mid-dritt moghtija lilha bil-Ligi taht l-Artikolu 42(2) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta’ Malta li titlob is-sospensjoni tad-decizjoni mahruga mill-Awtorità ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni intitolata *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile Interconnection Pricing Response to Consultation and Decision* [iktar ‘l quddiem indikata bhala d-Decizjoni], bis-sahha ta’ liema giet stabbilita *mobile termination rate* ta’ 0.4045 centezmu ta’ Euro ghal kull minuta, pendenti l-ezitu ta’ l-appell minnha interpost mill-imsemmija decizjoni. Is-socjetà Mobisle Communications Limited tramite t-talba taghha biex tintervejni *in statu et terminis inter alia* f’dawn il-proceduri, tappilja mat-talba tas-socjetà Rikorrenti u hi wkoll tikkontendi li d-decizjoni mahruga mill-Awtorità intimata ghandha tigi sospiza pendenti l-ezitu ta’ l-appell tas-socjetà Rikorrenti.

Is-socjetà Rikorrenti titlob is-sospensjoni tad-Decizjoni pendenti l-ezitu ta’ l-appell taghha minnha a causa ta’ l-impatt ekonomiku negattiv li dik id-Decizjoni se jkollha fuq l-operat taghha, liema impatt jaf ikun ferm iktar ta' pregudizzju jekk id-Decizjoni ma tigix sospiza izda imbaghad tigi annullata u revokata in segwitu ghall-appell taghha minnha. Hija tikkontendi li a causa u b’effett tad-Decizjoni, fejn jigi ribadit giet stabbilita *mobile termination rate* ta’ 0.4045 centezmu ta’ Euro ghal kull minuta, ser issofri danni ingenti, minnha kwantifikati fl-ammont ta’ €1,700,000 fis-sena, liema danni mhux se tkun tista’ tirkuprahom kemm-il darba d-Decizjoni tigi eventwalment annullata u revokata minn dan it-Tribunal.

Is-socjetà Mobisle Communications Limited ukoll tikkontendi li d-Decizjoni ghandha tigi sospiza pendenti l-ezitu ta’ l-appell tas-socjetà Rikorrenti minnha ghaliex se jkollha *impatt qawwi u detrimentali fuq l-attività kummercjali tal-GO Mobile, li tiddependi fuq l-introjtu mis-suq tat-telefonija tal-mobile. Illi r-rata l-gdida imposta mill-Awtorità fid-Decizjoni hija baxxa wisq u tohloq instabilita regolatorja li timmina investiment addizzjonali fis-settur, u dan minhabba l-mod kif gew ikkalkolati l-ispejjez ta’ l-operaturi fil-provvediment tas-servizzi tat-telefonija mobbli*[1].

L-Awtorità intimata topponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u tikkontendi li d-Decizjoni ghandha tibqa fis-sehh pendenti l-ezitu ta’ l-appell tas-socjetà Rikorrenti minnha stante li: (i) fl-ewwel lok ai termini ta’ l-Artikolu 42(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta’ Malta decizjoni regolatorja mahruga minnha ghandha, minkejja kull appell li jista' jsir minnha, tinzamm fis-sehh u tigi segwita mill-partijiet kollha li ghalihom tkun tapplika dik id-decizjoni, u dana fid-dawl ta’ u skont dak provdut fil-Framework Directive; u (ii) fil-mertu r-ragunijiet moghtija mis-socjetà Rikorrenti in sostenn tat-talba

[1] Rikors tas-socjetà Mobisle Communications Limited a fol. 71 u 72 tal-process.

taghha ghas-sospensjoni tad-Decizjoni pendenti l-ezitu ta' l-appell taghha minnha huma infondati. Is-socjetà Melita Mobile Limited wkoll tikkontendi li t-talba tas-socjetà Rikorrenti ghandha tigi michuda in kwantu hija bbazata fuq nofs informazzjoni u fi kwalunkwe kaz hija fallaci.

L-Artikolu 42 tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Ligi huwa centrali fil-kwistjoni in ezami, jipprovdi li *(1) Id-decizjoni jew id-direttiva ta' l-Awtorità sakemm jinstema' l-appell sew jekk quddiem it-Tribunal sew jekk quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ghandha tinzamm u tigi segwita mill-partijiet kollha li ghalihom tkun tapplika dik id-decizjoni. (2) It-Tribunal jew il-Qorti ta' l-Appell, skont il-kaz, fejn iqisu li jkun hekk adatt, jistghu, wara rikors ta' xi parti fl-appell, jissospendu ghal kollox jew biss f'parti d-decizjoni li tkun fil-qofol ta' l-appell sakemm tinghata s-sentenza finali ta' l-appell. Meta t-Tribunal jew il-Qorti ta' l-Appell jkunu qeghdin jiddeciedu jekk ghandhomx jissospendu d-decizjoni jew le, dawn ghandhom jaghtu r-ragunijiet taghhom ghaliex filwaqt li jqisu c-cirkostanzi kollha rilevanti, inkluzi – (a) kemm il-kwistjoni tkun urgenti; (b) l-effett fuq il-parti li taghmel it-talba jekk ir-rikors ghas-sospensjoni ma jintlaqax, u (c) l-effett fuq il-kompetizzjoni u, jew fuq l-utenti finali jekk ir-rikors jintlaqa': Izda meta parti tkun qeghda taghmel rikors taht dan l-artikolu din ghandha tiddikjara x'inkunu r-ragunijiet fattwali u legali, li jkunu jistabilixxu kaz prima facie ghas-sospensjoni tas-sentenza. It-Tribunal jew il-Qorti ta' l-Appell, skont il-kaz, ghandhom malli jircievu xi rikors bhal dak jordnaw li dan ghandu jigi notifikat lill-parti jew lill-partijiet l-ohra fl-appell filwaqt li tinghatalhom opportunità ragonevoli li jipprezentaw ir-risposta taghhom ghalih: Izda meta t-Tribunal ikun qieghed jiddeciedi dwar xi rikors bhal dak, dan jista' jinkludi dawk il-kondizzjonijiet li jqis li jkunu mehtiega fic-cirkostanzi.*

Minn dan l-Artikolu tal-Ligi jirrizultaw numru ta' elementi li huma fundamentali fil-kuntest ta' talba ghas-sospensjoni ta' decizjoni jew direttiva ta' l-Awtorità intimata pendenti l-ezitu ta' appell minn tali decizjoni jew direttiva. L-ewwel element li jirrizulta b'mod car huwa li ghalkemm parti milquta minn decizjoni jew direttiva ta' l-Awtorità intimata ghandha dritt tappella minn dik id-decizjoni jew direttiva, tali dritt ta' appell jew l-appell fih innifsu una volta intavolat ma huwiex *per se* raguni bizzejjed biex id-decizjoni jew direttiva appellata tigi sospiza pendenti l-ezitu ta' l-appell. Sabiex id-decizjoni jew direttiva tigi sospiza, liema sospensjoni kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola, it-Tribunal irid ikun sodisfatt, imqar fuq bazi *prima facie*, li hemm ragunijiet validi ghalfejn dik id-decizjoni jew direttiva ghandha tigi sospiza sakemm jigi determinat l-appell minnha. B'zieda ma' dan jigi osservat li ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li llum jezisti precedent fejn it-Tribunal ghandu jissosspendi id-Decizjoni ghaliex skontha *kien hemm appelli ta' dan it-tip fejn gew sospizi decizjonijiet ta' awtoritajiet simili bhal tal-Malta Communications Authority, jigifieri dak huwa l-principju*[2], tali argument huwa ghal kollox zbaljat u bla bazi legali. Kull kaz li jitressaq

[2] Trattazzjoni orali waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2014.

quddiem dan it-Tribunal ghandu jigi kkunsidrat ghalih u skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu ghalhekk *dato ma non concesso* li t-Tribunal seta' f'xi kaz iehor dwar decizjoni jew direttiva ta' l-Awtorità intimata jew awtorità regolatorja ohra ssosspenda l-effetti ta' dik id-decizjoni jew direttiva pendenti l-ezitu ta' appell minnha, ma jfissirx li f'kaz sussegwenti ghandu b'mod kwazi awtomatiku u minghajr ma jqis ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jikkoncedi s-sospensjoni tad-decizjoni jew tad-direttiva appellata.

Is-socjetà Rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghas-sospensjoni tad-Decizjoni pendenti l-ezitu ta' l-appell taghha minnha fuq numru ta' affermazzjonijiet ohra, liema affermazzjonijiet però fil-fehma tat-Tribunal ma gewx minnha sodisfacentement ippruvati imqar fuq bazi *prima facie*. Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tittenta tissosstanzja l-allegazzjonijiet minnha avvanzati permezz tax-xhieda ta' Jason Pavia in verità x-xhieda tieghu ftit li xejn serviet l-iskop ahhari taghha. In effetti Jason Pavia semplicement jtenni l-allegazzjonijiet u konsegwenti affermazzjonijiet avvanzati mis-socjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur u anke accenna ghal xi elementi ohra mhux imsemmija fl-istess Rikors, minghajr però ma ipprovda ebda prova tangibbli u konkreta li turi, imqar fuq bazi *prima facie*, li dak affermat mis-socjetà Rikorrenti u minnu wkoll effettivament jikkostitwixxi raguni valida sabiex id-Decizjoni tigi sospiza pendenti l-ezitu ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti minnha. Is-sottomissjonijiet avvanzati mis-socjetà Rikorrenti waqt it-trattazzjoni finali wkoll ma humiex tali li jnisslu fit-Tribunal il-konvinzjoni li d-Decizjoni ghandha tigi sospiza pendenti l-ezitu ta' l-appell taghha minnha.

Jibda biex jigi rilevat li l-argumenti avvanzati mis-socjetà Rikorrenti biex tissosstanzja l-pretensjoni taghha li ma hemm ebda urgenza ghall-implimentazzjoni tad-Decizjoni ma humiex affattu sodisfacenti. Hija tikkontendi li *l-Malta Communications Authority ghazlu li ma jtellghux xhud illum, mela dak li ddikjaraw fir-rikors taghhom, bir-rispett kollu, illi hemm xi tip ta' urgenza, provi ta' dan ma ghandniex. Fir-rikors taghhom qed jghidu illi mhux biss hija urgenti imma jekk ma indahhlux id-decizjoni llum, jekk ma tigix sospiza d-decizjoni biex inkun iktar preciz, ha jkun hemm danni fuq is-suq lokali. Fejn huma dawn id-danni? Jien ma rajtx danni ta' xejn jigifieri xi provi ghandna illi l-end users tal-operaturi ha jsofru xi danni? L-ammont x'inhu? Huwa validu illi llum meta ghandna xhud qed jghid isma jiena ha nsofri d-danni ghax diga' kkalkulajthom kif stajt ghax ma ghandix kollox biex nikkalkula, inti qed tghid u iva ejja mmexxu u jekk ma mmexxux b'urgenza, b'emergenza llum ha jsofru d-danni, imma d-danni fejn huma? Ma rajna xejn. Nixtieq nghid ukoll illi din ma hijiex xi haga kif indunajna li tqajmet f'daqqa wahda issa. Ir-rakomandazzjoni tal-Unjoni Ewropea kif semmejna qabel harget fis-sena 2009. Kien hemm konsultazzjoni, ilna mis-sena 2009 nistennew decizjoni finali, kien hemm several reductions fir-rati jigifieri llum hemm ghalfejn din l-emergenza kollha biex f'daqqa wahda issa fejn ilna mis-sena 2009 ma nistennewx ftit iehor, meta nafu illi r-rata li diga' tapplika ghal-lum tikkumpara sew mal-average li tapplika fl-Ewropa*[3].

[3] *Ibid.*

Din il-kontestazzjoni tas-socjetà Rikorrenti hija ghal kollox zbaljata u bla bazi legali ghaliex fi proceduri ghas-sospensjoni ta' decizjoni jew direttiva ta' l-Awtorità intimata pendenti l-ezitu ta' appell minn tali decizjoni jew direttiva, l-oneru tal-prova jinkombi principalment fuq il-parti li titlob is-sospensjoni u mhux fuq l-Awtorità intimata li, fl-ahhar mill-ahhar, hija kkonfortata b'dak dispost fl-Artikolu 42(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *d-decizjoni jew id-direttiva ta' l-Awtorità sakemm jinstema' l-appell sew jekk quddiem it-Tribunal sew jekk quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ghandha tinzamm u tigi segwita mill-partijiet kollha li ghalihom tkun tapplika dik id-decizjoni.* Fi kwalunkwe kaz anke jekk wiehed semplicement ihares lejn ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja – *Commission Recommendation of 7 May 2009 on the Regulatory Treatment of Fixed and Mobile Termination Rates in the EU (2009/396/EC)* - ghandu jirrizulta car li hemm urgenza biex id-Decizjoni tigi implimentata u addirittura tibqa' fis-sehh pendenti l-ezitu ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti.

Apparte l-fatt li fir-Rakkomandazzjoni gie ribadit il-principju li d-decizjonijiet jew direttivi ta' l-awtoritajiet regolatorji ta' l-Istati Membri – inkluz ghalhekk l-Awtorità intimata – huma diretti *[*to*] contribute to the development of the internal market*, jirrizulta wkoll li fil-kamp tal-*Fixed and Mobile Termination Rates although some form of cost orientation is generally provided for in most Member States, a divergence between price control measures prevails across the Member States. In addition to a significant variety in the chosen costing tools, there are also different practices in implementing those tools. This widens the spread between wholesale termination rates applied across the European Union, which can only be partly explained by national specificities. The European Regulators Group (ERG) established by Commission Decision 2002/627/EC (2) recognised this in its Common Position on symmetry of fixed call termination rates and symmetry of mobile call termination rates. NRAs have also, in a number of cases, authorised higher termination rates for smaller fixed or mobile operators on the grounds that these operators are new entrants into the market and have not benefited from economies of scale and/or are subject to differing cost conditions. These asymmetries exist both within and across national boundaries, although they are slowly decreasing. The ERG recognised in its Common Position that termination rates should normally be symmetric and asymmetry requires an adequate justification* u li *significant divergences in the regulatory treatment of fixed and mobile termination rates create fundamental competitive distortions* u ulterjorment li *the lack of harmonisation in the application of cost-accounting principles to termination markets to-date demonstrates a need for a common approach which will provide greater legal certainty and the right incentives for potential investors, and reduce the regulatory burden on existing operators that are currently active in several Member States. The objective of coherent regulation in termination markets is clear and recognised by the NRAs and has been repeatedly expressed by the Commission in the context of its assessment of draft measures under Article 7 of Directive 2002/21/EC.*

Huwa in bazi ghal dawn ir-rizultanzi li inharget ir-rakkomandazzjoni da parte tal-Kummissjoni Ewropea ghall-armonizzazzjoni kemm jista' jkun malajr bejn l-Istati Membri f'dan il-kamp partikolari u huwa ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, li: (i) l-Awtorità intimata, *qua* awtorità regolatorja, kellha tirrispondi ghal tali Rakkomandazzjoni u tasal ghal *mobile termination rate* applikabbli bejn l-operaturi lokali; u li (ii) dik ir-rata tibqa' fis-sehh u tapplika pendenti l-ezitu ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-Decizjoni. Is-socjetà Rikorrenti bl-ebda mod ma wriet – u in verità lanqas targumenta f'dak is-sens – illi dak ravvizat mill-Kummissjoni Ewropeja fil-preambolu ghar-Rakkomandazzjoni imsemmija huwa b'xi mod zbaljat izda semplicement tillimita ruhha li tghid illi essendo din semplici rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ma hemmx dik il-htiega w impellenza kollha li tigi segwita mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet regolatorji relattivi. Fil-fehma tat-Tribunal però tali argument huwa ghal kollox zbaljat u bla bazi ghaliex ghalkemm huwa veru li legalment rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja ma ghandhiex l-istess sahha bhala Regolament jew Direttiva, politikament xorta wahda hemm oneru fuq il-pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropeja, u konsegwentement ta' l-awtoritajiet regolatorji relattivi, li josservaw u jimplimentaw dak lilhom rakkomandat mill-Kummissjoni u dana naturalment entro l-parametri u termini prefissi mill-istess Kummissjoni.

Is-socjetà Rikorrenti tqieghed fid-dubju wkoll l-urgenza ghall-implimentazzjoni tad-Decizjoni billi tikkontendi li ladarba l-process li wassal ghad-Decizjoni ilu ghaddej mill-2009 allura l-implimentazzjoni taghha tista' effettivament tistenna ftit iehor, appuntu sakemm l-appell taghha minn tali Decizjoni jinstema' u jigi deciz. Dan l-argument però huwa semplicistiku u superficjali ghall-ahhar partikolarment meta meqjus fil-perspettiva ta' l-obbligi li ghandhom l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropeja li tramite l-awtoritajiet regolatorji rispettivi taghhom jsegwu dak minnhom mehtieg mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni. Konferma ta' dan appena osservat tirrizulta b'mod car minn dak dispost fil-paragrafi 11 u 12 tar-Rakkomandazzjoni: *11. This Recommendation is without prejudice to previous regulatory decisions taken by NRAs in respect of the matters raised herein. Notwithstanding this, NRAs should ensure that termination rates are implemented at a cost-efficient, symmetric level by 31 December 2012, subject to any objective cost differences identified in accordance with points 9 and 10. 12. In exceptional circumstances where an NRA is not in a position, in particular due to limited resources, to finalise the recommended cost model in a timely manner and where it is able to demonstrate that a methodology other than a bottom-up LRIC model based on current costs results in outcomes consistent with this Recommendation and generates efficient outcomes consistent with those in a competitive market, it could consider setting interim prices based on an alternative approach until 1 July 2014. Where it would be objectively disproportionate for those NRAs with limited resources to apply the recommended cost methodology after this date, such NRAs may continue to apply an alternative methodology up to the date for review of this Recommendation, unless the body established for cooperation among NRAs and the Commission, including its related working groups, provides sufficient*

*practical support and guidance to overcome this limitation of resources and, in particular, the cost of implementing the recommended methodology. Any such outcome resulting from alternative methodologies should not exceed the average of the termination rates set by NRAs implementing the recommended cost methodology.*

Ghalhekk fin-nuqqas ta’ provi u sottomissjonijiet ohra konvincenti u validi da parte tas-socjetà Rikorrenti dwar l-urgenza o meno ta' l-implimentazzjoni immedjata tad-Decizjoni u konsegwentement tan-necessità u urgenza ghas-sospensjoni ta' l-istess, liema provi u sottomissjonijiet però ma gewx provduti, l-argumenti minnha avvanzati u appena trattati ma humiex tali li sodisfacentement juru li ma hemmx urgenza biex id-Decizjoni tigi implimentata imma li a contrario hemm urgenza biex dik l-istess Decizjoni tigi sospiza pendenti l-ezitu ta’ l-appell minnha.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li l-Awtorità intimata agixxiet b’nuqqas ta’ trasparenza bil-konsegwenza li d-Decizjoni kif mahruga se toholqilha dannu ingenti, liema dannu huwa irriversibbli u mhux rekuperabbli fl-eventwalità li l-istess Decizjoni tigi annullata u revokata minn dan it-Tribunal n segwitu ghall-appell taghha minnha. Hija tikkontendi li ghalkemm l-Awtorità intimata zammet konsultazzjoni fir-rigward ta’ l-ezercizzju regolatorju minnha intrapriz ghall-fini li tasal ghall-*mobile termination rate* stabbilita fid-Decizjoni u li hi *qua* wahda mill-operaturi lokali fis-settur in kwistjoni ippartecipat ghal tali konsultazzjoni, meta talbet li tinghata l-formula utilizzata mill-Awtorità biex effettivament harget b’*mobile termination rate* ta’ 0.4045 centezmu ta’ Euro il-minuta sabiex tivverifika l-korrettezza tal-konkluzzjoni ta’ l-Awtorità intimata, it-talba taghha ma gietx milqugha. Siccome taf ben tajjeb li t-talba taghha sabiex tinghata l-formula utilizzata mill-Awtorità intimata ghall-fini li tasal ghall-*mobile termination rate* stabbilita fid-Decizjoni tinvolvi d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni kunfidenzjali, is-socjetà Rikorrenti tilqa’ billi tghid illi hija interessata fil-formula u mhux fl-informazzjoni u ghalhekk targumenta li ma hijiex qed titlob li l-Awtorità intimata b’xi mod tikser l-obbligu ta’ *business confidentiality* li hija marbuta bih. Fil-fehma tat-Tribunal però dan l-argument tas-socjetà Rikorrenti ukoll huwa semplicistiku ghall-ahhar ghaliex ghall-fini li tigi verifikata l-formula utilizzata mill-Awtorità intimata biex waslet ghall-*mobile termination rate* stabbilita fid-Decizjoni wiehed bilfors irid ikollu a disposizzjoni tieghu u jidhol fl-informazzjoni utilizzata fil-kuntest ta’ dik il-formula, liema informazzjoni hija *in toto* jew ghall-inqas *in parte* kunfidenzjali. B’hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti ma jistax jinghad, ghall-inqas f'dan l-istadju u fid-dawl ta' dak s'issa espost quddiem it-Tribunal, li fir-rigward ta’ din it-talba partikolari l-Awtorità intimata agixxiet b’nuqqas ta’ trasparenza, anzi piuttost il-kuntrarju.

Jigi osservat li a tenur ta’ l-Artikolu 3(3) tal-Framework Directive *Member States shall ensure that national regulatory authorities exercise their powers impartially, transparently and in a timely manner. Member States shall ensure that national regulatory authorities have adequate financial and*

*human resources to carry out the task assigned to them.* L-obbligu tat-trasparenza jirrikjedi li l-Awtorità regolatorja: (i) izzomm konsultazzjoni mal-partijiet li se jkunu milquta bl-effetti ta' decizjoni jew direttiva regolatorja partikolari; (ii) ghoti ta' informazzjoni dwar id-decizjoni jew direttiva regolatorja lill-Kummissjoni Ewropeja; u (iii) skambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri ohra. Dana l-obbligu però huwa temperat bl-eccezzjoni tal-*business confidentiality* li kull Awtorità regolatorja hija marbuta u obbligata li tissalvagwardja hekk kif johrog car mill-paragrafu 13 tal-preamblu tal-Framework Directive – *information gathered by national regulatory authorities should be publicly available, except in so far as it is confidential in accordance with national rules on public access to information and subject to Community and national law on business confidentiality* u mill-Artikolu 5(4) ta' l-istess Direttiva – *Member States shall ensure that, acting in accordance with national rules on public access to information and subject to Community and national rules on business confidentiality, national regulatory authorities publish such information as would contribute to an open and competitive market.*

Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova li l-Awtorità intimata effettivament ma kenitx trasparenti fl-operat taghha, u dana mhux kaz fejn l-Awtorità ma rrendietx pubblika informazzjoni kunfidenzjali, is-socjetà Rikorrenti ma tistax targumenta b'success, ghall-inqas f'dan l-istadju, li kien hemm nuqqas ta' trasparenza da parte ta' l-Awtorità intimata fl-ezercizzju li finalment wassal ghall-*mobile termination rate* stabbilita fid-Decizjoni.

Is-socjetà Rikorrenti tikkritika lill-Awtorità intimata w id-decizjoni finali taghha ghaliex skontha *mobile termination rate* ta' 0.4045 centezmu ta' Euro ghal kull minuta hija ferm iktar baxxa mir-rata li kienet giet stabbilita mill-istess Awtorità fl-*Interim Review of Wholesale Mobile Termination Rate – Response to Consultation and Decision* pubblikata fit-28 ta' Gunju 2012. Fir-Rikors promotur is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li d-Decizjoni qed iggib fis-sehh *ammont ta' 0.4045 centezmi-il minuta, li huwa tnaqqis ta' 1.6655 centezmu-il minuta mill-prezzijiet stabbiliti qabel id-decizjoni appellata, u 0.65 centezmu-il minuta inqas mir-rata illi kienet qieghda tanticipa l-istess Awtorità fid-decizjoni "Interim Review of Wholesale Mobile Termination Rate – Response to Consultation and Decision" mahruga f'Gunju 2012.*

Fil-fehma tat-Tribunal però din il-kontestazzjoni tas-socjetà Rikorrenti ma hijiex gustifikata ghaliex il-*mobile termination rate* stabbilita mill-Awtorità intimata fid-decizjoni pubblikata f'Gunju ta' l-2012 ma kenitx anticipazzjoni ta' x'kellha tkun il-*mobile termination rate* finali li kellha tigi stabbilita fid-decizjoni finali izda kienet biss *rata interim* li kellha tapplika sakemm appuntu tinhareg il-*mobile termination rate* finali.

Dana johrog ferm car mit-test ta' l-*"Interim Review of Wholesale Mobile Termination Rate – Response to Consultation and Decision"* stess u senjatament f'Decision 4 li tipprovdi *after taking into account the feedback received during the consultation period, including that of the Commission, and the reasons explained in Section 3 above, the indicative target rate will be*

*revised and based on the data featured in the Commission's Comments Letter in order to calculate the interim MTR. Basing on this information, as shown in Appendix 1, the revised indicative target rate is calculated at €1.03 cents, with a derived equidistant interim rate of €2.07 cents. As also explained in Section 3, the adjustment mechanisms proposed in the consultation document of March 2012 is being superseded by the more timely reference rates featured in the Commission's Comment Letter whilst the interim rate is planned to be in effect until the rate from the Maltese "pure" BU-LRIC model is established within the first six months of 2013, subject to unplanned procurement delays outside the control of MCA. … The MCA directs that all operators having been designated with an SMP status in the provision of the mobile termination services market shall apply €2.07 cents as their mobile termination rate with effect from 1st July 2012. This rate is to remain in force until it is replaced by the termination rate emanating from the MCA's BU-LRIC model*[4]. Dana kollu huwa ben maghruf lis-socjetà Rikorrenti ghaliex mhux biss ippartecipat fil-konsultazzjoni relattiva ghal dik id-decizjoni izda anke ghaliex l-istess decizjoni hija pubblika.

In kwantu rigwarda l-allegat dannu li s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li ser issofri a causa tad-Decizjoni jigi rilevat illi kuntrarjament ghal dak minnha pretiz ma huwiex possibbli li decizjoni jew direttiva regolatorja mahruga mill-Awtorità intimata ma tolqotx u timpattax b'mod jew iehor l-operat tal-persuni lil min tkun indirizzata dik id-decizjoni jew direttiva, partikolarment meta l-iskop tad-decizjoni jew direttiva jkun li tinholoq armonizzazzjoni fis-suq biex titnehha *the distortion of competition.* In effetti dak li ghandu jara u jikkonsidra t-Tribunal f'kuntest ta' talba ghas-sospensjoni ta' dik id-decizjoni jew direttiva pendenti l-ezitu ta' appell minnha ma huwiex prettament u purament l-effett li dik id-decizjoni jew direttiva regolatorja jista' jkollha fuq l-operat kummercjali ta' wahda jew iktar mill-persuni effettwati biha izda jrid jara jekk l-Awtorità intimata qua awtorità regolatorja naqsitx b'xi mod milli taqdi d-doveri taghha b'mod gust u korrett bil-konsegwenza li l-operat taghha, li jkun wassal ghal decizjoni zbaljata, jkun se johloq pregudizzju jew dannu lil dik jew dawk il-persuni. Tant hu hekk li ai termini ta' l-Artikolu 42(2)(b) u (c) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta dak li t-Tribunal ghandu jara u jikkonsidra f'kuntest ta' talba ghas-sospensjoni ta' decizjoni jew direttiva pendenti l-ezitu ta' appell minnha huwa *l-effett fuq il-parti li taghmel it-talba jekk ir-rikors ghas-sospensjoni ma jintlaqax,* **u** *l-effett fuq il-kompetizzjoni u, jew fuq l-utenti finali jekk ir-rikors jintlaqa'.*

Ghalhekk l-analizi li jrid jaghmel it-Tribunal ghandha tkun ferm iktar wiesgha u mifruxa minn kif pretiz is-socjetà Rikorrenti u ghandu jara l-perspettiva kollha tas-sitwazzjoni u mhux biss l-aspett ta' l-impatt kummercjali fuq wahda jew iktar mill-operaturi effettwati bid-Decizjoni.

Kif già iktar 'l fuq osservat dwar l-allegat nuqqas ta' trasparenza da parte ta' l-Awtorità intimata, is-socjetà Rikorrenti ma ressqitx prova sodisfacenti,

---

[4] Sottolinear tat-Tribunal.

imqar fuq bazi *prima facie*, li l-Awtorità naqset milli taqdi d-doveri u l-obbligi taghha *qua* awtorità regolatorja hekk kif nascenti mill-Ligi u mill-Framework Directive. Apparte minn hekk anke fejn tidhol il-kwistjoni purament ta' danni, is-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex taghti prova sodisafacenti, imqar fuq bazi *prima facie*, li hija effettivament se tbaghti dannu irrimedjabbli kemm-il darba ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni tad-Decizjoni u imbaghad l-istess Decizjoni tigi annullata u revokata in segwitu ghall-appell taghha minnha. Mix-xhieda ta' Jason Pavia jirrizultaw numru ta' inkonsistenzi kemm fir-rigward tal-quantum tad-danni li allegatament tista' ssofri s-socjetà Rikorrenti kif ukoll fir-rigward tal-possibilità li tali dannu jista' jigi rkuprat. Dawn l-inkonsistenzi serjament jimpingu fuq il-kredibilità u valur probatorju tax-xhieda ta' l-imsemmi Jason Pavia u konsegwentement fuq l-affermazzjonijiet tas-socjetà Rikorrenti.

F'dan l-istadju u fir-rigward ta' l-allegat dannu li l-operaturi effettwati jistghu ibaghtu b'konsegwenza tad-Decizjoni, specjalment jekk l-effetti taghha ma jigux sospizi pendenti l-ezitu ta' l-appell minnha, jigi osservat li s-sottomissjoni tas-socjetà intervenuta fil-kawza *in statu et terminis* Mobisle Communications Limited li d-dannu li qual' volta jista' jigi soffert minnha u/jew mis-socjetà Rikorrenti ma jkunx facilment rekuperabbli minghand l-operaturi l-ohra, possibilità din li rrizultat mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal, ghaliex proceduri legali jistghu jkunu incerti u jistghu jiehdu fit-tul ma hijiex sottomissjoni valida fic-cirkostanzi u ma tiggustifikax talba ghas-sospensjoni tad-Decizjoni.

Apparte minn dan kollu appena osservat jirrizulta b'mod car li l-impatt kummercjali fuq l-operaturi milquta bl-effetti tad-Decizjoni, inkluz ghalhekk is-socjetà Rikorrenti, huwa dettat iktar mit-*traffic patterns* tat-telefonati milli mid-Decizjoni *per se*. Dawn it-traffic patterns jsitghu jvarjaw matul iz-zmien u ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li dan mhux facilment isir ma tatx spjegazzjoni cara, imqar fuq bazi *prima facie*, ghalfejn dan huwa hekk. Hija semplicement ivventilat l-affermazzjoni minghajr però ma ssostanzjata bl-ebda mod.

B'hekk anke mill-aspett tad-dannu li s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li tista' issofri kemm-il darba d-Decizjoni ma tigix sospiza pendenti l-ezitu ta' l-appell taghha minnha, it-Tribunal hu tal-fehma li s-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova, imqar fuq bazi *prima facie*, in-necessità tas-sospensjoni tad-Decizjoni.

Mill-banda l-ohra ma hemmx dubju f'mohh it-Tribunal li d-dannu jew pregudizzju lill-kompetizzjoni u lill-utenti finali kemm-il darba d-Decizjoni kellha tigi sospiza pendenti l-ezitu ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti minnha jkun ferm ikbar mill-allegat dannu lis-socjetà Rikorrenti u l-operaturi l-ohra koncernati kemm-il darba d-Decizjoni ma tigix sospiza pendenti l-ezitu ta' l-appell. Ladarba *prima facie* ma jirrizultawx ragunijiet validi ghalfejn id-Decizjoni ghandha tigi sospiza, it-Tribunal irid izomm quddiem ghanejh li din hi decizjoni regolatorja intiza biex tinholoq armonizzazzjoni fis-settur tal-*Fixed and Mobile Termination Rates* ghall-fini li titnehha *the distortion of*

*competition* li hemm f'dan l-istess settur u bhala tali, hekk kif del resto provdut fl-Artikolu 42(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha, pendenti l-ezitu ta' appell minnha, tinzamm u tigi segwita mill-partijiet kollha li ghalihom tkun tapplika dik id-decizjoni ghaliex altrimenti tigi ppregudikata l-kompetizzjoni u konsegwentement utenti finali.

In fine t-Tribunal josserva li lanqas is-sottomissjonijiet avvanzati mis-socjetà Mobisle Communications Limited in sostenn tar-raguni ghalfejn it-talba tas-socjetà Rikorrenti ghas-sospensjoni tad-Decizjoni pendenti l-ezitu ta' l-appell taghha minnha ghandha tigi miqlguha ma huma tali li jkonvincuh li tali talba ghandha tigi milqugha. Fil-fehma tat-Tribunal is-sottomissjonijiet avvanzati mill-imsemmija socjetà intervenuta fil-kawza *in statu et terminis* huma biss supposizzjonijiet teoretici li bl-ebda mod ma jindirizzaw ir-realtà tas-sitwazzjoni prezentement pendenti quddiemu u ma jiehdux in konsiderazzjoni l-elementi li ai termini tal-Ligi ghandhom jigu kkunsidrati fil-kuntest ta' talba ghas-sospensjoni ta' decizjoni regolatorja.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu osservat it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tas-socjetà Rikorrenti ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad it-talba avvanzata mis-socjetà Rikorrenti bir-Rikors ipprezentat fit-2 ta' April 2014 u minflok jiddikjara li pendenti l-ezitu ta' l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-decizjoni *Bottom-up cost Model for Mobile Networks and Proposed Mobile Interconnection Pricing tal-14* ta' Marzu 2014, din l-istess decizjoni ghandha tibqa' fis-sehh u tigi segwita mill-partijiet kollha li ghalihom tapplika.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati bil-mod segwenti: l-ispejjez pertinenti ghas-socjetà Rikorrenti u ghall-Awtorità intimata ghandhom jigu sopportati mis-socjetà Rikorrenti filwaqt li kull wahda mis-socjetajiet intervenuti fil-kawza *in statu et terminis* ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------